*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 15

IL-Tlieta 9 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqgha s-Sala Kristu Rxoxt, Triq A.Caruana, Ħal Tarxien online fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Ishmael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **16.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 16.1.1 | Is-Sur Ishmael Dalli informa l-Kunsill li kien se jasal ghall-laqgha ftit tard imhabba ragunijiet ta' xoghol. |
| **15.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 15.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 14 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 15.2.2 | Is- Sur Christian Pace ppropona u s-Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 14 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **15.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 15.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li saret rikjesta sabiex issir mera Triq Dun Gwann Mamo u talab ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-mera ghandha tigi nstallata sabiex jigu evitati incidenti. |
| 15.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hemm bzonn li tigi nstallata bozza fil-genb tal-grawnd tar-Rainbows u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-bozza ghandha tigi nstallata. |
| 15.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward it-*Trenching* li se jsir minn naha tal-Enemalta u avza li ser tinzamm laqgha mal-perit responsabbli sabiex jigu diskussa alternattivi. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista sabiex ikun prezenti. |
| 15.3.4 | Is-Sindku prezenta *sketch* tal-monument ta' Mark Farrugia lill-Kunsilliera. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tar-rilokazzjoni tal-monument ntbghatet lill-Awtorita tal-Ippjanar ghall-approvazzjoni taghhom. |
| 15.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li waqt il-laqgha tar-Regjun Xlokk li nzammet nhar il-Hamis l-4 ta' Gunju 2020, gie diskuss jekk il-Kunsill Lokali jaqbilx li jaghti awtorizazzjoni sabiex il-Kunsill Regjonali flimkien mall-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, id-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u l-Ministeru ghall-Gvern Lokali, jesploraw mekkanizmu dwar kif il-gbir tal-istess skart, jibda jsir mir-regjun. Permezz ta' vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill jaqbel ma' din l-inzjattiva u ghandu jaghti l-kunsens tieghu lir-Regjun Xlokk. |

| | |
|---|---|
| 15.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se ssir estenzjoni ta' bankina Triq il-Knisja kantuniera ma' Palma sabiex jigi nstallat *railing* minn Transport Malta. Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista sabiex imur fuq il-post jiccekja l-installazjoni tar-*railing* wara li jsir. |
| 15.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar il-Hamis ta' 4 ta' Gunju 2020 inzammet laqgha fuq is-sit tal-*Open Air Gym* ta' Kurunell Mas ghar-raguni li gie nnutat qsim fil-konkos ta' l-art, *wires* tad-dawl li jistghu jkunu ta' periklu, fili tal-madum li jridu jintlew b'mod ahjar u sabiex il-hadid tal-*Playing Area* jigi nfurzat izjed. Is-Sindku spjega li fuq il-post kien hemm il-Perit tal-Kunsill, il-*Contracts Manager* tal-Kunsill, il-Kuntrattur tal-*Open Air Gym,* flimkien mal-Perit tieghu u sar ftehiem li kollox ghandu jitranga b'mod immedjat u terga' ssir spezzjoni ohra wara li jitlesta x-xoghol. |
| 15.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-petizzjoni tar-residenti sabiex Triq Napuljun Caruana Dingli tinbidel f'*One Way*. Is-Sindku spjega li qabel ma tittiehed decizzjoni ser tinzamm laqgha mal-Vici Sindku u persuna kompetenti f'dan ir-rigward sabiex jigu diskussa proposti alternattivi. |
| **15.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 15.4.1 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Jien Thomas Debattista qed inressaq mistoqsija sabiex naghmlu laqgha mal-haddiema ta' barra ghax ahna l-Kunsilliera kollha irridu nkunu nafu x'hemm sewwa?"<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-laqgha se tinzamm nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju 2020 fl-ghaxra ta' filoghdu u li kien se jinforma lil tad-*District Operations* sabiex ikunu prezenti. |
| 15.4.2 | Is-Sa Anabelle Marmara staqsiet,"Jekk taqblux li ssir ATM tal-BOV fil-Lokal, jekk hu possibli u jekk iva niddeciedu fuq il-lokazzjoni u bil-kunsens taghkom lesta li niehu hsieba jien?"<br><br>Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li hu kien diga' zamm diskussjonijiet f'dan ir-rigward imma ma rcieva l-ebda' risposta. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li jsir attentat iehor billi tintbghat korrispondenza ufficjali mill-Kunsill u tkun tista' tiehu hsieba l-Kunsilliera Sa Anabelle Marmara'. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 15.4.3 | Is-Sur Neil Portelli staqsa,"Nixtieq nistaqsi dwar il-Kuntratt prezenti tad-Dar tal-Kejka li jinvolvi s-Scouts?"<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li qed jinzammu diskussjonijiet ma' l-Avukat f'dan ir-rigward ghax il-Kuntratt gie ffirmat 19 il-sena ilu. |
| **15.5** | **Rapporti** |
| 15.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta u ddiskuta l-*Management Letter* ghas-Sena Finanzjarja 2019 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' tintbghat il-*Management Letter Reply* hekk kif titlob il-ligi. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillera l-*Management Letter* ghas-Sena Finanzjarja 2019 giet approvata. |
| 15.5.2 | Permezz ta' Cirkolari 2020/058 "Applikazzjoni ghall-EPOS machines",li ntbghatet mill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, l-Kunsill gie nfurmat dwar korrispondenza mill-BOV sabiex jigu nstallati l-EPOS machines fil-Kunsilli Lokali. |
| **15.6** | **Mozzjonijiet** |
| 15.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **15.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 15.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-knis intbghat lid-Dipartiment tal-Kuntratti ghall-approvazzjoni u se jkun publikat fuq l-ePPS fil-jiem li gejjijn. |
| **15.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 15.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 11/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Mejju 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 15.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Christian Pace ssekondat mis- Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |

| 15.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
|---|---|
| 15.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.30p.m. wara li giet sospiza ghar-raguni li l-Kunsillier s-Sur Thomas Debattista ghamel oggezzjoni ghal minuta 14.4.8 tal-laqgha precedenti numru 14 wara li l-minuti kienu diga' approvati. Id-data tal-laqgha li jmiss ma gietx aggornata. |

Konfermati, illum 9 ta' Gunju 2020.

IFFIRMATA

___________________

**Joseph Abela Galea**
Sindku

IFFIRMATA

___________________

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*